MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 788/2013

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Miguel Mifsud K.I. 503379(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2013, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tliet mija, wieħed u disgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€391.10), ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' Impressive 55 Channels Offer Agreement *A/C 40088861*, u li jinkludi telefon 21805987, u servizz ta' televiżjoni *1425043930* u *1425044371*.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ tliet mija, wieħed u disgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€391.10), bl-imgħax legali dekorribbli mill-14 ta’ Awwissu 2013, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 1902/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------